MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Numru. 427/2010

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Aqulina)**

**vs**

**SAM**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat SAM gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa omissis, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) Ikkorrompa lil minuri TM meta kellha anqas minn tnax-il sena, liema reat sar qerq.

(b) Eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess TM ta' taht l-eta;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna involuta u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2013 u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Jannar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat il-Pre-sentencing report imhejji mil-Probation Officer Ivan Sultana u nserit a fol. 98 et sequitur tal-atti processwali fejn gie rakomandat is-segwenti:-

*"Fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura jirrizulta li SAM kien ghadu minorenni u first-time offender meta kkommetta r-reat. Gie zvelat ukoll li hemm diversi nuqqasijiet fir-rigward*

*ta' S li jehtiegu li jigu ndirizzati. Ghaldaqstant qed jigi rrakkomandat Ordni ta' Probation ghat-terminu massimu taghha sabiex ikun perjodu adattat fejn il-htigijiet ta' S jigu ndirizzati filwaqt li ssir is-supervizjoni mehtiega. L-aspetti li jehtiegu jigu ndirizzati matul l-Ordni ta' Probation huma x-xoghol, ir-relazzjonijiet socjali u l-hin liberu tieghu."*

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt li meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati l-imputat kien minuri u c-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz u jidrilha li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-problemi li ltaqa' maghhom fil-hajja u li piena karcerarja ma tkunx piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203(1)(a), (c) u 203A tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Il-Qorti inoltre tpoggi lill-imputat taht treatment order ukoll ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum taht it-treatment plan li ghandu jigi mhejji mill-Probation Officer u skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li d-Direttur tal-Probation Services u Parole jigi notifikat b'kopja ta' din is-sentenza sabiex jinhatar il-kandidat idoneju ghall-hati.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u tal-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija TM.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------